VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 433 tal-2011

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)
Regolamenti tal-2011 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:

TAQSIMA I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2011 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin.

(3) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hu li jiddetermina:

(a) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza għal aktar minn tliet xhur fit-territorju tal-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, u tal-membri tal-familja tagħhom; u

(b) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-familja tagħhom fil-paragrafu (a) fi Stati Membri minbarra l-ewwel Stat Membru.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Kap. 217.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, mwaqqaf bl-artikolu 25A tal-Att;

"Direttur" tfisser Direttur taċ-Ċittadinanza u Espatrjati;

"Karta Blu tal-UE" tfisser l-awtorizzazzjoni bit-terminu "Karta Blu tal-UE" bħala tip ta' permess li għandu jinħareġ fil-*format* uniformi kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1030/2002, li jintitola lid-detentur jirrisjedi u jaħdem fit-territorju ta' Malta taħt it-termini ta' dawn ir-regolamenti;

"liċenza ta' impjieg" tfisser il-liċenza msemmija fl-artikolu 11(3) tal-Att;

L.S. 217.06.

"membri tal-familja" tfisser ċittadini ta' pajjiżi terzi kif definit fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji;

"l-ewwel Stat Membru" tfisser l-Istat Membru li l-ewwel jagħti lil ċittadini ta' pajjiż terz "Karta Blu tal-UE" apparti Malta:

Iżda, għall-finijiet tar-regolament 17, mit-tieni darba li detentur ta' Karta Blu u, fejn applikabbli, il-membri familjari tiegħu, jagħmel użu mill-possibiltà li jmur Stat Membru ieħor taħt it-termini tat-Taqsima V, "l-ewwel Stat Membru" għandha tinftiehem bħala l-Istat Membru minn fejn il-persuna ikkonċernata tkun telqet;

"salarju annwali gross" tfisser is-salarju annwali gross medju ppublikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fl-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol;

"kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla" tfisser kwalunkwe diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali maħruġa minn awtorità kompetenti li tagħti prova tat-tlestija b'suċċess ta' programm post-sekondarju ta' edukazzjoni ogħla, li huma sett ta' korsijiet provduti minn stabbiliment edukattiv rikonoxxut miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni, kull ċentru ieħor illi huwa membru tan-netwerks tal-ENIC/NARIC u kif elenkati min-netwerks tal-ENIC/NARIC bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla mill-Istat li fih tinsab:

Iżda għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kwalifika ta' edukazzjoni ogħla għandha tiġi kkunsidrata, bil-kondizzjoni li l-istudji meħtieġa għall-kisba tagħha kienu ta' mill-inqas tliet snin;

"kwalifiki professjonali ogħla" tfisser kwalifiki attestati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew, b'deroga, meta tkun prevista fil-liġi nazzjonali, attestati b'mhux inqas minn għaxar snin ta' esperjenza professjonali ta' livell komparabbli għal kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla li għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti kif imsemmi fl-Iskeda u li huwa rilevanti fil-professjoni jew settur speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta vinkonlanti għal xogħol;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"impjieg bi kwalifiki għoljin" tfisser l-impjieg ta' persuna li:

(a) hija protetta bħala impjegata taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, irrispettivament mir-relazzjoni ġuridika, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv għal, jew taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor; Kap. 452.

(b) titħallas; u

(ċ) għandha l-kompetenza adegwata u speċifika, kif pruvata bi kwalifiki professjonali ogħla;

"ISCO" tfisser Klassifika Internazzjonali *Standard* tal-Impjiegi;

"esperjenza professjonali" tfisser iż-żmien veru u leġittimu fil-professjoni kkonċernata;

"professjoni regolata" tfisser professjoni regolata kif imfissra fir-regolament 3(1)(a) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03.

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Applikabbiltà dawn ir-regolamenti.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jiġu ammessi f'Malta għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin taħt it-termini ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

(a) li huma awtorizzati li jirrisjedu fi Stat Membru abbażi ta' protezzjoni temporanja jew li jkunu applikaw għal awtorizzazzjoni biex jirrisjedu fuq dik il-bażi u qed jistennew deċiżjoni dwar l-i*status* tagħhom;

(b) li jibbenefikaw minn protezzjoni interna taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u l-Att dwar ir-Rifuġjati u l-leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, jew li applikaw għal protezzjoni internazzjonali taħt dik id-Direttiva u li l-applikazzjoni tagħhom għadha ma waslitx għal deċiżjoni finali; Kap. 420.

(ċ) li jibbenefikaw minn protezzjoni skont il-liġi jew prattika nazzjonali, jew l-obbligi internazzjonali jew li applikaw għal protezzjoni skont il-liġi jew prattika nazzjonali, jew l-obbligi internazzjonali, u li l-applikazzjoni tagħhom għadha ma waslitx għal deċiżjoni finali; u

(d) li japplikaw biex jirrisjedu fi Stat Membru bħala riċerkatur fit-tifsira tad-Direttiva 2005/71/KE, sabiex iwettqu proġett ta' riċerka u li japplikaw biex jirrisjedu f'Malta bħala riċerkatur, skont it-tifsira tar-Regolamenti dwar Proċedura Speċjali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għal Finijiet ta' Riċerka Xjentifika;

L.S. 217.10.

(e) li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li eżerċitaw, jew li qed jeżerċitaw, id-dritt tagħhom għal moviment liberu fil-Komunità f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri jew eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu f'Malta skont l-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Europea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom;

L.S. 460.17.

(f) li jgawdu minn *status* tal-KE ta' resident għal perjodu fit-tul fi Stat Membru skont id-Direttiva 2003/109/KE, u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) u jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrisjedu f'Malta sabiex iwettqu attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegati jew għal rashom;

L.S. 217.05.

(g) li jidħlu fi Stat Membru taħt impenji li jinsabu fi ftehim internazzjonali li jiffaċilita d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' ċerti kategoriji ta' persuni fiżiċi konnessi mal-kummerċ u l-investiment;

(h) li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema staġunali;

(i) li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' dritt; u

(j) li huma koperti mir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta sakemm jinsabu f'Malta.

L.S. 452.82.

(3) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, li, taħt xi ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha u dawk il-pajjiżi terzi jgawdu d-drittijiet għal moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ftehim bejn pajjiż terz wieħed jew aktar li jelenka l-professjonijiet li m'għandhomx jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti sabiex jiżguraw reklutaġġ etiku, f'setturi li jbatu minn nuqqas ta' persunal, filwaqt li jitħarsu r-riżorsi umani fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu firmatarji għal tali ftehim.

TAQSIMA II
KONDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Kriterji għall-ammissjoni.

4. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz għandu jippreżenta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, approvata minn min iħaddmu, lid-Direttur u għandu:

(a) jippreżenta kuntratt tax-xogħol jew dikjarazzjoni li jkun fiha l-kondizzjonijiet tax-xogħol skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u r-regolamenti maħruġa taħtu għal perjodu ta' mill-inqas sena f'Malta, liema kuntratt tax-xogħol jew dikjarazzjoni għandhom juru li s-salarju gross annwali illi jirriżulta mis-salarju ta' kull xahar jew annwali speċifikat fil-kuntratt għax-xogħol jew fid-dikjarazzjoni, m'għandux ikun inqas mil-limitu tas-salarju rilevanti imfisser u ppublikat għal dak il-għan minn Malta, li għandu jkun 1.5 tal-ammont tas-salarju annwali gross medju f'Malta: Kap. 452.

Iżda, meta l-Ministru responsabbli għall-impjieg, minn żmien għal żmien, jiddetermina ħtieġa partikolari għall-ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jappartjenu għall-gruppi ewlenin 1 u 2 tal-ISCO, il-limitu tas-salarju jista' jkun 1.2 tal-ammont tas-salarju annwali gross medju f'Malta. F'dan il-każ, il-Ministru responsabbli għall-impjieg kull sena għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-elenku tal-professjonijiet li għalihom ġiet deċiża deroga;

(b) jippreżenta dokument li juri li hu jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti għall-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni tal-professjoni regolata speċifikata fil-kuntratt tax-xogħol jew dikjarazzjoni li jkun fiha l-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(ċ) għall-professjonijiet mhux regolati, jippreżenta d-dokumenti li jagħtu prova tal-kwalifiki professjonali ogħla fl-impjieg jew is-settur speċifikat rilevanti fil-kuntratt tax-xogħol jew dikjarazzjoni li jkun fiha l-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(d) jippreżenta dokument validu ta' vjaġġar, applikazzjoni għal viża jew viża, jekk meħtieġ, u evidenza ta' permess ta' residenza validu jew ta' viża nazzjonali għal perjodu fit-tul jekk ikun adatt. Id-Direttur jista' jeħtieġ li l-perjodu ta' validità tad-dokument ta' vjaġġar ikopri l-minimu ta' żmien inizjali tal-permess ta' residenza;

(e) jippreżenta evidenza li għandu, jew li applika għal assigurazzjoni tal-mard għar-riskji kollha normalment koperti għall-perjodi fejn l-ebda tali kopertura minn assigurazzjoni u intitolament korrispondenti għall-benefiċċji m'huma provduti f'rabta ma', jew li jirriżultaw mill-kuntratt tax-xogħol;

(f) jippreżenta l-indirizz tiegħu f'Malta meta jkun disponibbli; u

(g) m'għandhux jitqies li jkun ta' theddida għall-*policy* pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika.

Volumi ta' ammissjoni.

5. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx jaffettwaw d-dritt tal-Ministru responsabbli għall-impjieg li jiddetermina l-volum ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu Malta għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ta' Malta.

TAQSIMA III
KARTA BLU TAL-UE, PROĊEDURA U TRASPARENZA

Karta Blu tal-UE.

6. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz li applika u ssodisfa l-ħtiġiet stabbiliti fir-regolament 4, u li għalih l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu deċiżjoni pożittiva skont ir-regolament 7, għandu jingħata Karta Blu tal-UE, u fejn applikabbli l-awtoritajiet pertinenti jagħtu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz kull faċilità biex jikseb il-viżi meħtieġa.

(2) Il-Karta Blu tal-UE għandha tibqa' valida għal perjodu, ta' mill-inqas, sena:

Iżda f'każ ta' tiġdid ta' Karta Blu tal-UE għat-tul tal-perjodu li jibqa' tal-kuntratt tax-xogħol, meta dan ikun inqas minn sena, din għandha tiġġedded għal perjodu li jibqa', b'validità addizzjonali ta' tliet xhur.

(3) Id-Direttur għandu joħroġ Karta Blu tal-UE lil ċittadin ta' pajjiż terz u fiha jindika l-kondizzjonijiet għall-aċċess għas-suq tax-xogħol.

(4) Matul il-perjodu ta' validità tagħha, id-detentur ta' Karta Blu tal-UE jkun intitolat:

(a) jidħol, jerġa' jidħol u joqgħod fit-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-Karta Blu tal-UE;

(b) għad-drittijiet rikonoxxuti f'dawn ir-regolamenti.

Rağunijiet għal rifjut.

7. (1) Id-Direttur għandu jirrifjuta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE kull meta l-applikant ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 4 jew kull meta d-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frawdolenti, jew falsifikati jew imbagħbsa.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-impjieg għandu jeżamina s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, japplika l-proċeduri nazzjonali illi jirrigwardaw ir-rekwiżiti biex timtela' posizzjoni battala u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11 tal-Att, u d-Direttur, qabel ma jieħu deċiżjoni rigward applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, u meta jikkonsidra t-tiġdid jew awtorizazzjonijiet skont ir-regolament 11(1) u (2), matul l-ewwel sentejn ta' impjieg legali bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqhom.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-impjieg jista' jivverifika jekk il-pożizzjoni battala kkonċernata ma setgħetx timtela minn:

(a) ċittadin Malti, jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fir-rigward ta' impjieg skont il-leġislazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet tat-Trattatt illi jirrigwarda ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti f'Malta u li diġà jifformaw parti mis-suq tax-xogħol ta' Malta minħabba l-liġi tal-UE jew il-liġi Maltija; jew

(d) residenti fit-tul tal-KE li jixtiequ jmorru Malta għal impjieg ta' kwalifiki għoljin skont id-dispożizzjonijiet ta' Taqsima III tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi). L.S. 217.05

(4) Applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE tista' titqies bħala inammissibbli abbażi tar-regolament 5.

(5) Id-Direttur jista' jirrifjuta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE biex jiżgura reklutaġġ etiku f'setturi li jbatu minn nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati fil-pajjiżi tal-oriġini.

(6) Id-Direttur jista' jirrifjuta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE jekk min iħaddem kien issanzjonat għal xogħol mhux iddikjarat u, jew impjieg illegali skont dawn ir-regolamenti.

Irtirar jew rifjut ta' tiġdid tal-Karta Blu tal-UE.

8. (1) Id-Direttur għandu jirtira jew jirrifjuta li jġedded Karta Blu tal-UE maħruġa abbażi ta' dawn ir-regolamenti fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta din tkun inkisbet b'mod frawdolenti, jew ġiet falsifikata jew imbagħbsa; jew

(b) kull meta jidher li d-detentur ma ssodisfax jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet għal dħul u residenza stabbiliti f'dawn ir-regolamenti jew li qed jirrisjedi għal finijiet oħrajn barra dawk li għalihom id-detentur ġie awtorizzat jirrisjedi; jew

(ċ) meta d-detentur ma rrispettax il-limitazzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 11(1), (2) u 12:

Iżda n-nuqqas ta' komunikazzjoni taħt r-regolamenti 11(3) u 12(4) m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala raġuni suffiċjenti għall-irtirar jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' Karta Blu tal-UE jekk id-detentur jista' juri evidenza li l-komunikazzjoni ma waslitx għand l-awtoritajiet kompetenti għal raġuni indipendenti mir-rieda tad-detentur.

(2) Id-Direttur jista' jirtira jew jirrifjuta li jġedded Karta Blu tal-UE maħruġa abbażi ta' dawn ir-regolamenti fil-każijiet li ġejjin:

(a) għal raġunijiet ta' *policy* pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika; jew

(b) kull fejn id-detentur ta' Karta Blu tal-UE ma jkollux riżorsi suffiċjenti biex imantni lilu nnifsu u l-membri tal-familja tiegħu, mingħajr ma jirrikorri għas-sistema tal-għajnuna soċjali ta' Malta. Id-Direttur għandu jevalwa dawn ir-riżorsi b'referenza għan-natura u r-regolarità tagħhom u jista' jieħu kont tal-livell tal-pagi medji nazzjonali u l-pensjonijiet kif ukoll in-numru ta' membri tal-familja tal-persuna kkonċernata. Tali evalwazzjoni m'għandhiex isseħħ matul il-perjodu ta'

qgħad imsemmi fir-regolament 12; jew

(ċ) jekk il-persuna kkonċernata ma kkomunikatx l-indirizz tagħha; jew

(d) meta d-detentur ta' Karta Blu tal-UE japplika għall-assistenza soċjali, sakemm l-informazzjoni bil-miktub meħtieġa ġiet mogħtija lilu minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti.

Applikazzjonijiet għal ammissjoni.

9. (1) L-applikazzjoni għandha tiġi kunsidrata u eżaminata jew meta ċ-ċittadin konċernat ta' pajjiż terz ikun qed jirrisjedi barra minn Malta jew meta hu jkun diġà qed jirrisjedi f'Malta bħala detentur ta' permess ta' residenza validu jew viża nazzjonali għal perjodu fit-tul.

(2) Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jippreżenta applikazzjoni meta ma jkunx fil-pussess ta' permess ta' residenza validu iżda jkun legalment preżenti f'Malta.

Salvagwardji proċedurali.

10. (1) Id-Direttur għandu jadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni kompluta għal Karta Blu tal-UE u jinnotifika l-applikant bil-miktub, bid-deċiżjoni, malajr kemm jista' jkun, u f'kull każ, mhux aktar tard minn disgħin jum minn meta ssir l-applikazzjoni:

Iżda, f'każ li d-Direttur jonqos milli jagħti deċiżjoni fil-perjodu speċifikat, l-applikazzjoni għandha tgħaddi awtomatikament għall-appell lill-Bord.

(2) Fejn l-informazzjoni jew id-dokumenti provduti b'appoġġ tal-applikazzjoni jkunu inadegwati, id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u jistabbilixxi skadenza raġonevoli biex jipprovdiha. Il-perjodu msemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi sospiż sakemm id-Direttur jirċievi l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali meħtieġa. Jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali ma jkunux ġew ipprovduti fi żmien l-iskadenza, l-applikazzjoni tista' tiġi irrifjutata.

(3) (a) Kwalunkwe deċiżjoni ta' ċaħda ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, jew deċiżjoni ta' ċaħda ta' tiġdid jew deċiżjoni ta' irtirar ta' Karta Blu tal-UE, għandha tiġi notifikata bil-miktub lill-applikant.

(b) Meta d-Direttur jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu, id-Direttur għandu jispeċifika r-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni ta' Karta Blu tal-UE jew tal-irtirar ta' Karta Blu u għandu jinfurmah bir-raġunijiet tad-deċiżjoni, il-proċeduri

possibbli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed azzjoni.

TAQSIMA IV
DRITTIJIET

Aċċess għas-suq tax-xogħol.

11. (1) Għall-ewwel sentejn ta' impjieg legali f'Malta bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuna kkonċernata għandu jkun ristrett għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' impjieg imħallas li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal ammissjoni mniżżlin fir-regolament 4.

(2) Għall-ewwel sentejn ta' impjieg legali f'Malta bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, bidliet ta' min jimpjega u l-modifiki li jaffetwaw il-kondizzjonijiet għal ammissjoni għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel, permezz ta' liċenzja ta' impjieg, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament 7 u fil-limitu taż-żmien provdut fir-regolament 10(1).

(3) Bla ħsara għal xi obbligi oħra li jistgħu jiġu stabbiliti minn kull liġi oħra, wara l-perjodu ta' sentejn imsemmi fis-subregolamenti (1) u (2), id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jippreżenta applikazzjoni lid-Direttur biex jikkomunika l-bidliet li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tar-regolament 4.

(4) Aċċess għall-impjieg għal detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jkun ristrett fil-każijiet fejn:

(a) tali attivitajiet ta' impjieg jitolbu involviment okkażjonali fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika u responsabbiltà għall-ħarsien tal-interess ġenerali ta' Malta u fejn, taħt il-liġi nazzjonali jew Komunitarja eżistenti, dawn l-attivitajiet huma riżervati għaċ-ċittadini tal-pajjiż;

(b) attivitajiet ta' impjieg fil-każijiet fejn, taħt il-liġi nazzjonali jew Komunitarja eżistenti, dawn l-attivitajiet ikunu riżervati għaċ-ċittadini tagħhom, iċ-ċittadini tal-Unjoni jew iċ-ċittadini taż-ŻEE.

(5) Aċċess għas-suq tax-xogħol għandu jkun bla ħsara tal-prinċipju ta' preferenza tal-Komunità kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti tal-Adeżjoni tal-2003 u tal-2005 u b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet taċ-ċittadini ta' Stati Membri li jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Qgħad temporanju.

12. (1) Il-qgħad fih innifsu m'għandux jikkostitwixxi raġuni għall-irtirar ta' Karta Blu tal-UE, sakemm il-perjodu tal-qgħad ma jkunx aktar minn tliet xhur konsekuttivi, jew ma jkunx aktar minn darba matul il-perjodu ta' validità ta' Karta Blu tal-UE.

(2) Matul il-perjodu msemmi fis-subregolament (1), id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jkun jista' jfittex u jaċċetta impjieg taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 11.

(3) Id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jkun intitolat li jibqa' f'Malta sakemm tingħata jew tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt r-regolament 11(2). Id-data tal-awtorizzazzjoni u l-komunikazzjoni taħt r-regolament 11(2) u (3) għandhom awtomatikament ittemmu l-perjodu ta' qgħad.

(4) Id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jgħarraf lid-Direttur bil-bidu tal-perjodu ta' qgħad, wara li jkun ħares il-proċeduri stabbiliti fir-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu Impieg. L.S. 343.23.

Trattament ugwali.

13. (1) Bla ħsara għad-dritt tad-Direttur li jirtira jew jiċħad li jġedded Karta l-Blu tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8, id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jgawdi minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin, li għandu jkun fir-rigward ta':

(a) il-kondizzjonijiet ta' impjieg, inklużi l-paga u s-sensja, kif ukoll tar-rekwiżiti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(b) il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' xi organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi l-benefiċċji konferiti minn dawk l-organizzazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-*policy* pubblika u s-sigurtà pubblika;

(ċ) l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:

Iżda tali trattament ugwali m'għandux jinkludi għotja ta' studju u ta' manteniment u self jew għotja u self oħra li jirrigwardaw edukazzjoni sekondarja u ogħla u taħriġ vokazzjonali:

Iżda wkoll:

Kap. 327.

(i) aċċess għall-Università u għall-edukazzjoni post-sekondarja tista' tkun soġġetta għal-pre-rekwiżiti speċifiċi skont l-Att dwar l-Edukazzjoni;

(ii) l-Istat Membru konċernat jista' jirrestrinġi t-trattament ugwali f'każijiet fejn il-post ta' residenza irreġistrat jew tas-soltu tad-detentur ta' Karta Blu tal-UE, jew dak ta' membru familjari li għalih il-benefiċċji huma mitluba, huwa f'Malta;

(iii) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra, skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti.

(d) id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali dwar il-fergħat tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71. Id-dispożizzjonijiet speċjali fl-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 859/2003 għandhom japplikaw kif meħtieġ;

(e) bla ħsara għall-istrumenti ta' ftehim bilaterali eżistenti, il-ħlas ta' dħul relatat ma' pensjonijiet statutorji miksubin fir-rigward ta' età avvanzata, bir-rata applikata taħt il-liġi tal-Istat Membru debitur jew l-Istati Membri debituri meta jiċċaqilqu għal pajjiż terz;

(f) aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista ta' oġġetti u servizzi disponibbli għall-pubbliku, kif ukoll is-servizzi ta' informazzjoni u konsulenza mogħtija minn uffiċċji tal-impjieg:

Iżda tali aċċess għal oġġetti u servizzi m'għandhomx jinkludu proċeduri għal kisba ta' dar:

Iżda wkoll dan il-paragrafu għandu jkun bla ħsara għal-libertà li jikkuntratta skont il-liġi Komunitarja u nazzjonali.

(g) aċċess liberu għat-territorju kollu tal-Istat Membru konċernat, fil-limiti previsti fil-liġi nazzjonali.

Membri tal-familja. L.S. 217.06.

14. (1) Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji:

Iżda d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5(2) u 13 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, rijunifikazzjoni tal-familja m'għandhiex tkun dipendenti fuq ir-rekwiżit tad-detentur ta' Karta Blu tal-UE li jkollu prospetti raġjonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti

u li jkollu perjodu minimu ta' residenza.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III u IV tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, il-kondizzjonijiet u l-miżuri ta' integrazzjoni msemmijin fiha jistgħu japplikaw biss wara li l-persuni konċernati jkunu ngħataw ir-rijunifikazzjoni tal-familja. L.S. 217.06.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, il-permessi ta' residenza għall-membri tal-familja għandhom jingħataw, fejn il-kondizzjonijiet għar-rijunifikazzjoni ta' familja huma sodisfatti, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni. L.S. 217.06.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 14(2) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, it-tul ta' żmien tal-validità tal-permessi ta' residenza tal-membri tal-familja għandu jkun l-istess bħal dak tal-permessi ta' residenza maħruġa lid-detentur ta' Karta Blu tal-UE safejn il-perjodu ta' validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom jippermetti dan. L.S. 217.06.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(b) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, l-ebda limitu ta' żmien fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol m'għandu japplika. L.S. 217.06.

Status ta' resident tal-KE għal perjodu fit-tul għad-detentur ta' Karta Blu tal-UE. L.S.217.05.

15. (1) Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċitttadini ta' Pajjiżi Terzi).

(2) Ċittadin ta' pajjiż terz li tkun inħarġitlu Karta Blu tal-UE minn Stat Membru jew iktar u, li għamel użu mill-possibbiltà prevista fir-regolament 17, jista' jakkumula l-perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti sabiex jissodisfa r-rekwiżiti dwar it-tul ta' residenza prevista fir-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ħames snin ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tal-UE bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE; u

(b) minnufih qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni rilevanti, iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun irrisjeda legalment u kontinwament f'Malta għal sentejn bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti biss, u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), għall-finijiet tal-kalkolu tal-perjodu ta' residenza legali L.S. 217.05.

u kontinwa fil-Komunità, perjodi ta' assenza mit-territorju tal-UE m'għandhomx jinterrompu l-perjodu msemmi fis-subregolament (2)(a) jekk huma anqas minn tnax-il xahar konsekuttivi u b'kollox ma jeċċedux tmintax-il xahar fil-perjodu msemmi fil-subregolament (2)(a) meta din l-assenza tkun minħabba:

(a) li tiġi eżerċitata attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegat jew impjieg għal rasu;

(b) it-twettiq ta' servizz volontarju; jew

(ċ) għan ta' studju fil-pajjiż ta' oriġini ta' ċittadin ta' pajjiż terz.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 9(1)(ċ) tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċitttadini ta' Pajjiżi Terzi), ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ingħata permess ta' residenza taħt ir-regolament 16, jitlef il-permess ta' *status* ta' resident tal-KE għal perjodu fit-tul jekk ikun assenti mit-territorju tal-Unjoni għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar konsekuttivi. L.S. 217.05.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (4) għandhom japplikaw għall-membri tal-familja li jkunu ngħataw residenza għal perjodu fit-tul.

(6) Ir-regolamenti 13(e) u 14 għandhom ikomplu japplikaw għal detentur ta' permess ta' residenza għal perjodu fit-tul flimkien mar-rimarka msemmija fir-regolament 16, fejn applikabbli, wara li d-detentur ta' Karta Blu tal-UE jkun sar resident tal-KE għal perjodu fit-tul.

Permess ta' residenza għal perjodu fit-tul. L.S. 217.05.

16. Id-Direttur għandu joħroġ permess ta' residenza skont ir-regolament 9 tar-Regolamenti dwar *Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) lil detentur ta' Karta Blu tal-UE li jissodisfa il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 15:

Iżda taħt l-intestatura "rimarki", għandha tiddaħħal l-indikazzjoni "Preċedentement detentur ta' Karta Blu tal-UE".

TAQSIMA V
RESIDENZA FI STATI MEMBRI OĦRAJN

Kondizzjonijiet.

17. (1) Soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 5, ċittadin ta' Pajjiż Terz illi tingħatalu Karta Blu tal-UE fl-ewwel Stat Membru jista' japplika għall-ammissjoni għal Malta skont dawn ir-regolamenti, jekk huwa kien fl-ewwel Stat Membru għal mill-inqas tmintax-il xahar qabel id-data tal-applikazzjoni:

Iżda malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul tiegħu f'Malta, id-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu jippreżenta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE approvata minn min iħaddmu lid-Direttur u jippreżenta d-dokumenti kollha li juru li hu jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 4:

Iżda wkoll l-applikant m'għandux jitħalla jaħdem sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni:

Iżda fl-aħħarnett meta d-detentur ta' Karta Blu tal-UE jiċċaqlaq għal Malta skont dan ir-regolament u tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni pożittiva dwar il-ħruġ ta' Karta Blu tal-UE, trattament ugwali għandu jkun limitat għal dawk il-każijiet elenkati fir-regolament 13, b'eċċezzjoni għar-regolamenti 13(b) u (ċ).

(2) Id-Direttur għandu jaċċetta wkoll applikazzjoni sakemm id-detentur ta' Karta Blu tal-UE ikun għadu qed jirrisjedi fit-territorju tal-ewwel Stat Membru.

(3) Skont il-proċeduri li jinsabu fir-regolament 10, id-Direttur għandu jipproċessa l-applikazzjoni u jinforma bil-miktub lill-applikant u lill-ewwel Stat Membru bid-deċiżjoni tiegħu li:

(a) joħroġ Karta Blu tal-UE u jippremetti lill-applikant jirrisjedi fit-territorju tiegħu għal impjieg bi kwalifiki għoljin fejn ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 6 sa 13; jew

(b) jirrifjuta li joħroġ Karta Blu tal-UE u jobbliga lill-applikant u l-membri tal-familja tiegħu, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Att u kull leġislazzjoni li ssir taħtha, biex jitilqu minn Malta meta l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament ma jkunux sodisfatti.

(4) Jekk il-Karta Blu tal-UE maħruġa mill-ewwel Stat Membru tiskadi matul il-proċedura, id-Direttur jew awtoritajiet responsabbli oħra jistgħu joħorġu permessi ta' residenza temporanji nazzjonali jew awtorizzazzjonijiet ekwivalenti li jippermettu lill-applikant ikompli jirrisjedi legalment f'Malta sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

(5) Id-detentur ta' Karta Blu tal-UE u min jimpjegah jista' jinżamm responsabbli għall-ispejjeż relatati mar-ritorn u r-riammissjoni tad-detentur ta' Karta Blu tal-UE u tal-membri tal-familja tiegħu, inklużi l-ispejjeż imwettqa mill-fondi pubbliċi fejn applikabbli, taħt ir-subregolament 3(b).

VERŻJONI ELETTRONIKA

Residenza fit-tieni Stat Membru għall-membri tal-familja.

18. (1) Meta d-detentur ta' Karta Blu tal-UE jiċċaqlaq għal Malta skont ir-regolament 17 u meta l-familja tkun diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, il-membri tal-familja tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jakkumpanjawh jew jingħaqdu miegħu f'Malta.

(2) Mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul f'Malta, il-membri tal-familja għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal permess ta' residenza bħala membru tal-familja, lid-Direttur:

Iżda f'każijiet fejn il-permess ta' residenza tal-membri tal-familja maħruġ mill-ewwel Stat Membru jiskadi matul il-proċedura jew ma jintitolax aktar lid-detentur li jirrisjedi legalment f'Malta, id-Direttur għandu jippermetti lill-persuna tkompli tirrisjedi f'Malta, jekk meħtieġ, billi joħroġ permessi ta' residenza temporanji, jew awtorizzazzjonijiet ekwivalenti, li jippermettu lill-applikant ikompli jirrisjedi legalment f'Malta mad-detentur ta' Karta Blu tal-UE sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

(3) Id-Direttur jista' jeħtieġ li l-membri tal-familja konċernati jippreżentaw mal-applikazzjoni tagħhom għal permess tar-residenza:

(a) il-permess ta' residenza tagħhom fl-ewwel Stat Membru u dokument validu tal-ivvjaġġar jew il-kopji ċċertifikati tagħhom, kif ukoll viża, jekk meħtieġ;

(b) evidenza li jkunu rrisjedew bħala membri tal-familja tad-detentur ta' Karta Blu tal-UE fl-ewwel Stat Membru;

(ċ) evidenza li għandhom assigurazzjoni ta' mard li tkopri r-riskji kollha f'Malta, jew li d-detentur ta' Karta Blu tal-UE għandu tali assigurazzjoni għalihom.

(4) Id-Direttur jista' jeħtieġ li d-detentur ta' Karta Blu tal-UE jagħti evidenza li d-detentur għandu:

(a) akkomodazzjoni meqjusa bħala normali għal familja komparabbli f'Malta u li tissodisfa l-i*standards* ġenerali ta' saħħa u sigurtà f'Malta;

(b) riżorsi stabbli u regolari li huma suffiċjenti biex iżomm lilu nnifsu u l-membri tal-familja tiegħu, mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' għajnuna soċjali f'Malta u li jkun ekwivalenti, mill-inqas għall-ammont tal-paga medj f'Malta b'żieda ta' dħul ta' għoxrin fil-mija jew riżorsi oħra għal kull membru tal-familja.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Id-derogi li jinsabu fir-regolament 14 għandhom ikomplu japplikaw *mutatis mutandis*.

(6) Fejn il-familja ma tkunx diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, għandu japplika r-regolament 14.

Kondizzjonijiet għal ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiż terz mogħti Karta Blu tal-UE minn Malta.

19. (1) L-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni għandu jerġa' jdaħħal immedjatament u mingħajr formalitajiet lid-detentur ta' Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tiegħu, jekk dak id-detentur ta' Karta Blu tal-UE, wara li jkun ġie miċħud milli tinħariġlu Karta Blu tal-UE minn Stat Membru ieħor, ikun obbligat illi jirritorna lura Malta.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) għandhom japplikaw jekk il-Karta Blu tal-UE maħruġa minn Malta tkun skadiet jew ġiet irtirata matul l-eżami tal-applikazzjoni mit-Tieni Stat Membru.

(3) Mal-ammissjoni mill-ġdid, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 12 għandhom japplikaw.

SKEDA
(Regolament 2)

Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta	- Direttorat tal-*Quality Assurance*
Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji	
Bord tal-*Accountancy*	
Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili	- Unità għall-Liċenzjar tal-Persunal
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni	
Port Workers Board	
L-Awtorità Marittima ta' Malta	- *Registrar General of Shipping and Seamen* (Reġistratur Ġenerali għat-Tbaħħir u l-Baħrin
Awtorità għat-Trasport f'Malta	- Direttorat tat-Trasport Pubbliku - Direttorat tal-Liċenzi u Testijiet
Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina	
Kunsill tal-Ispiżjara	
Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel	
Kunsill Mediku	
Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali	
Bord dwar il-Professjoni Psikologa f'Malta	
Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg	
Bord tal-Inġinerija	
Bord tal-Bennejja	
L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi	
Bord tal-*Warrant* tal-Periti	
Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji	
Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern	
Kummissarju tal-Pulizija	
Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern	
Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema	